MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-2 ta' Frar, 2011

Numru. 1460/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Raymond Aquilina]**

**vs**

**Stefan Zerafa**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Stefan Zerafa detentur tal-karta tal-identita` numru 551275(M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fil-11 ta' Lulju 2006 jew fil-jiem u xhur ta' qabel:

1. Irrenda ruhu komplici fl-ghoti ta' dikjarazzjonijiet jew certifikati foloz a tenur tal-Artikoli 42 u 185 tal-Kodici Kriminali;

2. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, wieghed, ta jew offra, sew b'mod dirett jew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna, li asserixxiet jew ikkonfermat li kienet kapaci taghmel xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub-titolu IV tat-Titolu III tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex igieghel lil dik l-istess persuna tesercita dik l-influwenza sew jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun ghal dik il-persuna ohra jew ghal xi haddiehor;

3. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn wiehed mid-dokumenti imsemmija fl-Artikolu 185 tal-Kodici Kriminali a tenur tal-Artikolu 186 tal-Kodici Kriminali

4. Kif ukoll talli sar ricediv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 16 t' Ottubru 2006, liema sentenza hija wahda definittiva u ma tistax tigi mibdula.
Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 17(h), 42(d), 49(d), 185(2), 186 u 121A(1) (li hu assorbit fl-Artikolu 185(2)) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante ammissjoni bikrija mill-imputat ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontrih hlief ghar-raba' akkuza stante li ma tapplikax, hekk kif ivverbalizzat mill-partijiet, u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, u stante li l-fedina penali tal-istess imputat ghalkemm mhijiex wahda netta mhux tali li tipprejokkupa lill-Qorti u stante li l-imputat ikkopera bis-shih mal-prosekuzzjoni, u wara li l-Qorti hi sodisfatta li l-imputat ma kellux rwol dirett mal-otteniment ta' tali licenzja tas-sewqan, qed issib lill-imptuat Stefan Zerafa hati ta' dawn l-akkuzi u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 qed tilliberah bill-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett snin mil-lum.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonjiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------